Kunjomijiet Maltin ta' Nisel Taljan:

Xi Aspetti Grammatikali

Jekk il-kunjomijiet jitqiesu bħala realizzazzjoni mikrokożmika tal-lingwa, allura jistgħu jiġu studjati morfoloġikament bl-istess mekkaniżmi loġiċi u bl-istess tassonomija sistematika li s-soltu nużaw fl-istudju tal-grammatika. Għalkemm il-kunjomijiet li sa niddiskutu jidhru li huma Taljani (jew Sqallin) fil-forma preżenti tagħhom, jista' jkunu addattamenti ta' kunjomijiet Rumanzi oħra (eż. Spanjoli jew Franċiżi). Fost ħwejjeġ oħra sa jiġu analizzati kunjomijiet bl-artiklu (e.g. *La Rosa, Lapira*); kunjomijiet bil-prepożizzjonijiet (e.g. *Demarco, De Felice*), kunjomijiet b'suffissi diminuttivi (e.g. *Bonello, Castelletti*), kunjomijiet b'suffissi awmentattivi u spreġjattivi (e.g. *Ascione, Varrazzo*), kunjomijiet f'forom aġġettivali u partiċipjali (e.g. *Terribile, Amato*), kunjomijiet b'suffissi etniċi (e.g. *Fiorentino, Padovani*), kunjomijiet b'suffissi li jindikaw xi mestier (e.g. *Carbonaro, Barbieri*), u kunjomijiet bi struttura komposta (e.g. *Testaferrata, Quattromani*). Nippruvaw nifhmu l-valur tad-desinenza *-i* fit-tarf ta' ħafna kunjomijiet (e.g. *Magri, Lombardi*). Jiġu analizzati wkoll mekkaniżmi oħra bħall-agglutinazzjoni, il-metatesi, l-apokope, u s-sinkope. Jekk jifdal ħin niddiskutu wkoll xi fenomeni fonoloġiċi bħalma huma l-assimilazzjoni, il-ġeminazzjoni, il-betaċiżmu u r-rotaċiżmu.

Dwar il-kelliem

Dr Mario Cassar huwa *Senior Lecturer II* mad-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta u jgħallem il-Junior College. Kien President tal-Għaqda tal-Malti (Università) bejn is-snin 1992-94 u ħa ħsieb jorganizza għadd ta' seminars u korsijiet ta' taħriġ fil-Malti. Huwa l-awtur ta' *Ir-Reqqa tal-Kitba* (Malta, 2000); *The Surnames of the Maltese Islands: An Etymological Dictionary* (Malta, 2003) u ta' għadd ta' studji marbutin mal-onomastika Maltija, il-lingwa u l-letteratura. Huwa koawtur ta' *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika* (ed. T. Portelli, Malta, 2009) u *L'ultima città musulmana: lucera* (Bari, 2012). Huwa membru tal-Akkademja tal-Malti u msieħeb fl-ICOS (Internation Council of Onomastic Sciences).